**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar id-19 ta' Frar 2025**

**Rikors Numru: 182/2025 MLF**

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 1465/2008 fl-ismijiet :**

**Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma**

**vs**

**Stephen Zammit**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Stephen Zammit tal-31 ta' Jannar 2025 fejn talab il-hrug ta' kontro mandat stante pagament ghas-saldu li sar nhar it-22 ta' Jannar 2025.

Rat li fis-seduta tal-lum ma deher hadd.

Tirrileva illi mill-atti jirrizulta illi l-Korporazzjoni intimata giet notifikata bl-avviz tas-smigh pero ma jirrizultax li gie notifikat ir-rikorrent stess. Pero la darba r-rikorrent hallas ghan-notifika tal-Korporazzjoni intimata il-Qorti hija tal-opinjoni li r-rikorrent ghandu jiqies li kien jaf bid-data ta' din is-seduta.

Ai termini tal-Artikolu 281 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, dawn il-proceduri iridu jinstemghu bl-urgenza u l-Qorti ghandha tiddeciedi dan ir-rikors fiz-zmien xahar mil-jum tal-prezentata tieghu.

Ir-rikorrent ma jidhirx li ghad ghandu interess f'dawn il-proceduri, stante li la hu u lanqas l-avukat difensur tieghu ma dehru fis-seduta tal-lum, u di piu lanqas ressaq provi.

F' dawn ic-cirkostanzi it-talba tar-rikorrent ma tistghax tigi milqugha.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet it-talba tar-rikorrent fir-rikors tieghu tal-31 ta' Jannar 2025 ghall-hrug tal-kontro mandat qed tigi michuda.

L-ispejjez ta' din il-procedura ghandhom jigu subiti mir-rikorrent.

**Dr Marse-Ann Farrugia**
**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**